

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Qrati Ordinarji Nazzjonali](#)
> Hungary

Qrati ordinarji nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn
Ungerija

Ungerija



Din is-sezzjoni tagħti informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tal-qrati ordinarji fl-Ungerija.

Qrati ordinarji - Daħla

Sistema ġudizzjarja ċivili

Qrati tal-prim'istanza

Qrati tad-distrett u l-qrati ġenerali

Il-proċedimenti kollha li bil-liġi ma jittressqux quddiem il-qrati ġenerali jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati tad-distrett (járásbíróságok).

Il-qrati ġenerali (törvényszékek) iservu bħala qrati tal-prim'istanza fir-rigward ta':

- talbiet dwar il-liġi tal-propjetà, fejn l-ammont inkwistjoni jaqbeż il-HUF 30 miljun (bejn wieħed u ieħor EUR 106 000), ħlief meta l-proċedimenti jinbdeu flimkien ma' talba għad-divorzju;
- proċedimenti dwar drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, u l-protezzjoni tal-privattivi industrijali;
- proċedimenti ta' kumpens għad-danni kkaġunati matul l-istħarriġ ta' proċeduri uffiċjali minn persuni li kienu qegħdin jaġixxu fi ħdan il-kompetenza pubblika amministrattiva tagħhom;
- proċedimenti dwar ftehimiet internazzjonali dwar it-trasport u l-bgħit tal-merkanzija;
- proċedimenti sabiex jiġu infurzati talbiet dwar drittijiet ċivili minħabba l-ksur ta' drittijiet morali, inklużi l-proċedimenti għall-kumpens għal dan il-ksur jekk jinbdeu ma' dawn il-proċeduri jew matulhom;
- proċedimenti dwar titoli;
- talbiet minħabba libell;
- ċertu tilwim dwar id-dritt soċjetarju kif imfisser mil-liġi;
 1. proċedimenti għar-revoka ta' deċiżjoni ta' reġistrazzjoni tal-qorti li tkun laqgħet ir-rikors għar-reġistrazzjoni;
 2. proċedimenti għal sentenzi dikjaratorji dwar l-eżistenza, l-invalidità jew l-effetti tal-kuntratti ta' fondazzjoni jew l-istatut ta' assoċjazzjoni;
 3. proċedimenti dwar ir-reviżjoni mill-qorti tad-deċiżjonijiet tal-assoċjazzjonijiet tan-negozju;
 4. proċedimenti dwar l-isħubija bejn il-membri (eks membri) u l-assoċjazzjonijiet tan-negozju, u bejn il-membri stess (eks membri);
 5. proċedimenti dwar l-akkwist ta' parteċipazzjoni kwalifikattiva;
 6. proċedimenti dwar il-modifiki tar-regoli dwar ir-responsabbiltà tal-azzjonisti b'ishma b'responsabbiltà limitata;
- ċertu proċedimenti relatati ma' assoċjazzjonijiet reġistrati li ma jikkwalifikawx bħala assoċjazzjonijiet tan-negozju;
 1. proċedimenti mibdija kontra organizzazzjonijiet bħal dawn mill-korp responsabbli għas-supervizzjoni tagħhom bil-liġi;

2. proċedimenti dwar l-isfubija bejn il-membri (eks membri) u l-assoċjazzjonijiet tan-negozju, u bejn il-membri stess (eks membri);

- proċedimenti dwar il-kuntratti ta' finanzjament konklużi mal-fornituri tas-servizzi tas-saħħa;
- proċedimenti biex jiġu stabbiliti l-fatti għall-kawżi fejn il-valur tal-oġġett tal-proċedimenti jaqbeż il-valur kif imsemmi hawn qabel;
- proċedimenti dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali inġusti;
- proċedimenti ta' kumpens imressqa b'rabta mad-dritt tal-partijiet għal proċess ġust u li jitlesta fi żmien raġonevoli;
- proċedimenti assenjati bil-liġi lill-ġuriżdzjoni tal-qrati ġenerali.
- Jekk xi wieħed mill-korrikorrenti jaqa' taħt il-ġuriżdzjoni ta' qort ġenerali, il-proċedimenti jaqgħu taħt il-ġuriżdzjoni ta' dik il-qorti.

Il-Qrati tat-tieni istanza

Qrati ġenerali (törvénszékek): kawżi taħt il-ġuriżdzjoni tal-qrati tad-distrett li jservu bħala qrati tal-prim'istanza, kif ukoll il-kawżi quddiem il-qrati amministrattivi u industrijali.

Qrati reġjonali tal-appell (ítelőtáblák): għall-kawżi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-qrati ġenerali li jservu bħala qrati tal-prim'istanza.

Il-Kurja (Kúria): għall-kawżi ġejjin mill-qrati reġjonali tal-appell. Dan hu l-każ ukoll għall-kawżi fejn tingħata deċiżjoni mill-qrati ġenerali bħala qorti tal-prim'istanza, u fejn il-partijiet, bir-rappreżentanti legali tagħhom, jitolbu b'mod konġunt illi l-kawża tagħhom tinstema' mill-Kurja – jekk l-appell ikun ibbażat fuq ksur tad-dritt sostantiv. It-talbiet lill-Kurja biex tisma' kawżi dwar id-dritt tal-propjetà jistgħu jsiru biss jekk is-somma inkwistjoni taqbeż il-HUF 500 000 (bejn wieħed u ieħor EUR 1 840).

Il-Kurja tiddeċiedi wkoll il-mozzjonijiet għar-reviżjoni.

Il-kompożizzjoni tal-qrati

Il-qorti tal-prim'istanza s-soltu tkun iffurmata minn imħallef wieħed, iżda fil-każijiet stabbiliti mil-liġi il-qorti hija ffurmata minn imħallef professjonali u żewġ assessuri biex hekk jiffurmaw bord ta' tliet membri. L-assessuri għandhom l-istess drittijiet u obbligi waqt il-proċedimenti daqs l-imħallef professjonali. Madanakollu, l-imħallfin professjonali biss jistgħu jippresjedu waħedhom bħala mħallfin u jkunu l-presidenti tal-bords.

Il-qratitat-tieni istanza (il-qrati ġenerali u l-qrati reġjonali tal-appell) huma ffurmati minn bord ta' tliet imħallfin professjonali.

Matul l-istħarriġ ġudizzjarju, tliet (jew f'ċerti każijiet – minħabba n-natura partikolarment kumplessa tal-kawża – ħames) imħallfin professjonali jiffurmaw il-Kurja.

Il-ġuriżdzjoni tal-qrati

Il-ġuriżdzjoni ġenerali: Bħala regola ġenerali, il-qorti bil-ġuriżdzjoni tar-residenza permanenti tal-konvenut tista' taġixxi, jekk ma jkunx hemm xi qorti oħra b'ġuriżdzjoni esklussiva. Il-liġi tistabbilixxi wkoll regoli addizzjonali dwar il-ġuriżdzjoni (pereż. fin-nuqqas ta' indirizz permanenti, il-ġuriżdzjoni tiddependi fuq il-post ta' residenza tal-konvenut).

Il-liġi tirrikonoxxi wkoll bażijiet speċjali tal-ġuriżdzjoni minbarra l-ġuriżdzjoni ġenerali (il-ġuriżdzjoni alternattiva, il-ġuriżdzjoni esklussiva).

Fil-każ ta' ġuriżdzjoni alternattiva, fejn ma tiġix speċifikata ġuriżdzjoni alternattiva, ir-rikorrent jista' jibda proċedimenti quddiem qorti oħra tal-għażla tiegħu kif stabbilit bil-liġi minflok il-qorti ġenerali (pereż. jistgħu jitressqu proċedimenti dwar il-kustodja tat-tfal quddiem il-qorti bil-ġuriżdzjoni skont l-indirizz permanenti tat-tifel/tifla, proċedimenti għall-kumpens jistgħu jitressqu wkoll quddiem il-qorti bil-ġuriżdzjoni skont il-post jew iż-żona fejn seħħ id-dannu, eċċ.)

Fil-każ ta' ġuriżdzjoni esklussiva, il-proċedimenti jistgħu jitressqu biss quddiem qorti speċifika.

Sistema ġudizzjarja kriminali

Qrati tal-prim'istanza

Bħala regola ġenerali, il-qrati tad-distrett għandhom il-ġurisdizzjoni biex imexxu l-proċedimenti kriminali.

Madanakollu il-qrati ġenerali jistgħu jmessu l-proċedimenti fil-każijiet speċifiċi li ġejjin:

1. delitti li jġibu magħhom sentenza ta' priġunerija sa 15 il-sena jew sentenza ta' għomor il-ħabs; u
2. delitti kontra l-istat (Kapitolu X tal-Kodiċi Kriminali);
3. delitti kontra l-umanità (Kapitolu XI tal-Kodiċi Kriminali);
4. konfossa biex jitwettaq omiċidju, omiċidju involontarju [Sezzjoni 166(3) u (4) tal-Kodiċi Kriminali], omiċidju mwettaq waqt li l-persuna tkun taħt l-influenza immedjata ta' passjoni istantanja (Sezzjoni 167 tal-Kodiċi Kriminali), offiża personali li tista' ġġib periklu tal-ħajja (tikkaġuna l-mewt) [Sezzjoni 170(6) u t-tielet alternattiva fis-Sezzjoni 170(7) tal-Kodiċi Kriminali], ħtif tal-persuna (Sezzjoni 175/A tal-Kodiċi Kriminali), traffikar tal-bnedmin (Sezzjoni 175/B tal-Kodiċi Kriminali), delitti kontra r-regoli dwar l-intervenzjoni medika u r-riċerka medika u d-dritt għall-awtodeterminazzjoni fil-kura medika (Titolu II tal-Kapitolu XII tal-Kodiċi Kriminali);
5. delitti kontra l-ordni għall-elezzjonijiet, referenda, inizjattivi taċ-ċittadini u inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej (Sezzjoni 211 tal-Kodiċi Kriminali), użu ħażin tad-dejta kwalifikata (Titolu III tal-Kapitolu XV tal-Kodiċi Kriminali), imġiba ħażina fil-kariga (Titolu IV tal-Kapitolu XV tal-Kodiċi Kriminali), vjolenza kontra persuna taħt protezzjoni internazzjonali (Sezzjoni 232 tal-Kodiċi Kriminali), irvelli fil-ħabs (Sezzjoni 246 tal-Kodiċi Kriminali), ostruzzjoni tal-ġustizzja quddiem qorti internazzjonali (Sezzjoni 294/B tal-Kodiċi Kriminali), delitti kontra l-ġustizzja pubblika (internazzjonali) (Titoli VII u VIII tal-Kapitolu XV tal-Kodiċi Kriminali);
6. atti tat-terroriżmu (Sezzjoni 261 tal-Kodiċi Kriminali), ksur tar-restrizzjonijiet ekonomiċi internazzjonali (Sezzjoni 261/A tal-Kodiċi Kriminali), qbid ta' ajruplani u vetturi ferrovjarji, bastiment u vetturi tat-trasport tal-massa jew vetturi adatti għat-trasport bil-massa tal-merkanzija (Sezzjoni 262 tal-Kodiċi Kriminali), il-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali (Sezzjoni 263/C tal-Kodiċi Kriminali);
7. użu ħażin tal-prodotti u s-servizzi militari, kif ukoll prodotti b'użu doppju (Sezzjoni 263/B tal-Kodiċi Kriminali), l-abbuż minn informazzjoni privileġġjata (Sezzjoni 299/A tal-Kodiċi Kriminali), frodi fl-investment kapitali (Sezzjoni 299/B tal-Kodiċi Kriminali), l-organizzazzjoni ta' skema piramida (Sezzjoni 299/C tal-Kodiċi Kriminali), ħasil tal-flus (Sezzjoni 303 tal-Kodiċi Kriminali);
8. ikkaġunar ta' periklu pubbliku bil-konsegwenza ta' telf finanzjarju kbir jew serju [Sezzjoni 259(2)(b) tal-Kodiċi Kriminali], indħil fl-operat ta' utilitajiet pubbliċi li jikkaġuna telf finanzjarju kbir jew eċċezjonalment serju [Sezzjoni 260(3) u (4) tal-Kodiċi Kriminali], reati kontra s-sistemi tal-kompjuter u d-dejta, li jikkaġuna danni kbar jew eċċezjonalment serji [Sezzjoni 300/C(4)(b) u (c) tal-Kodiċi Kriminali]; frodi tat-taxxa u n-nuqqas tal-obbligi ta' superviżjoni jew awditjar marbuta mal-frodi tat-taxxa, bil-konsegwenza ta' telf kbir jew serju ta' introjtu [Sezzjoni 310(4)(a), (5)(a) u (6) kif ukoll is-Sezzjoni 310/A tal-Kodiċi Kriminali], użu ħażin ta' alternattivi fi flus li jikkaġuna danni kbar jew eċċezjonalment serji [Sezzjoni 313/C(5)(a) u 313/C(6) tal-Kodiċi Kriminali], serq [Sezzjoni 316(6)(a) u 316 (7) tal-Kodiċi Kriminali] u l-appropriazzjoni indebita [Sezzjoni 317(6)(a) u 317(7) tal-Kodiċi Kriminali] ta' oġġetti ta' valur kbir jew eċċezjonalment għoli; frodi li tikkaġuna danni kbar jew eċċezjonalment kbar [Sezzjoni 318(6)(a) u 318(7) tal-Kodiċi Kriminali], miżappropriazzjoni ta' fondi, li tikkaġuna telf finanzjarju kbir jew eċċezjonalment serju [Sezzjoni 319(3)(c) u (d) tal-Kodiċi Kriminali], ġestjoni ħażina minħabba negliġenza ta' fondi li jikkaġuna telf finanzjarju kbir jew eċċezjonalment serju [Sezzjoni 320(2) tal-Kodiċi Kriminali], serq [Sezzjoni 321(4)(b) tal-Kodiċi Kriminali] u sakkeġġ [Sezzjoni 322(3)(a) tal-Kodiċi Kriminali] ta' valur għoli jew kbir, vandaliżmu li jikkaġuna danni kbar jew eċċezjonalment kbar [Sezzjoni 324(5) u (6) tal-Kodiċi Kriminali], traffikar ta' oġġetti misruqa ta' valur għoli jew eċċezjonalment għoli [Sezzjoni 326(5)(a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali], ksur tad-drittijiet tal-awtur jew drittijiet assoċjati, li jikkaġuna telf finanzjarju kbir jew eċċezjonalment kbir [Sezzjoni 329/A(3) tal-Kodiċi Kriminali], u l-ksur tad-drittijiet protetti mid-dritt tal-privattivi industrijali [Sezzjoni 329/D(3) tal-Kodiċi Kriminali];
9. reati kriminali skont il-liġi militari;
10. Delitti komunisti u delitti mhux soġġetti għall-istatut ta' limitazzjonijiet skont id-dritt internazzjonali, stabbilit fil-liġi dwar ir-responsabbiltà kriminali għal u n-nuqqas ta' applikabilità tal-istatut ta' limitazzjonijiet għad-delitti kontra l-umanità u l-prosekuzzjoni ta' ċerti delitti li seħħew waqt id-dittatura Komunista.

L-oqsma tal-kompetenza tal-qrati huma, bħala regola, iddeterminati miż-żona li fihom sar l-att kriminali.

Jekk l-akkużat wettaq delitti li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' bosta qrati, il- qorti ġenerali jkollha l-ġurisdizzjoni biex tisma' l-kawża.

Il-Qrati tat-tieni istanza

Il-qrati ġenerali: għall-kawżi li jaqgħu fil-kompetenza tal-qorti tad-distrett bħala qrati tal-prim'istanza:

Qrati reġjonali tal-appell: għall-kawżi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-qorti ġenerali bħala qrati tal-prim'istanza.

Il-Kurja: għall-kawżi li jaqgħu fil-kompetenza ta' qorti reġjonali tal-appell, fejn id-deċiżjoni ta' dik il-qorti tista' tiġi appellata.

Il-Qrati tat-tielet istanza

Qrati reġjonali tal-appell: għall-kawżi deċiżi mill-qorti ġenerali bħala qorti tat-tieni istanza.

Il-Kurja: għall-kawżi deċiżi minn qorti reġjonali tal-appell bħala qorti tat-tieni istanza.

Il-kompożizzjoni tal-qrati

Fejn id-delitt kriminali inkwistjoni jkun punibbli b'sentenza ta' priġunerija ta' tmien snin jew aktar, il-qorti tad-distrett tkun iffurmata minn bord ta' mħallef professjonali u żewġ assessuri. F'każijiet oħra l-imħallef jippresjedi waħdu.

Il-qorti ġenerali, bħala qorti tal-prim'istanza, wkoll tmexxi l-proċedimenti tagħha permezz ta' bord iffurmat minn imħallef professjonali u żewġ assessuri.

Il-qorti bħala qorti tat-tieni jew tielet istanza tmexxi l-proċedimenti tagħha permezz ta' bord iffurmat minn tliet imħallfin professjonali. Il- Kurja tmexxi l-proċedimenti tagħha permezz ta' bord iffurmat minntlieta jew ħames imħallfin professjonali.

Ħoloq relatati

[Sit elettroniku uffiċjali tal-qrati tal-Ungerija](#)

■ L-aħħar aġġornament: 30/10/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.